

Brussell, 28 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5585/1/26  
REV 1

UEM 33  
ECB

### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Eesti Pank - Adozzjoni

---

1. Skont l-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Fit-12 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li KPMG Baltics OÜ jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Eesti Pank għas-snin finanzjarji 2026 sa 2030.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jistieden lill-Kunsill biex jadotta, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni rilevanti kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument ST 5107/26.